**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2020**

**Kawza Nru. 19**
**Rikors Nru. 18/2018 JZM**

**Maurice Vassallo Eminyan ID188654M bhala wiehed mis-shareholders tal-kumpanija Medcast Foundry Ltd.**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpaniji**

***u***

**b` digriet tat-28 ta` Frar 2019 Malta Industrial Parks Limited (C28965) giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-27 ta` Settembru 2018 li jaqra hekk :–

*Illi l-kumpanija Medcast Foundry Ltd. giet ddikjarata xolta mir-Registratur.*

*Illi ghadhom m`ghaddewx hames snin minn tali dikjarazzjoni illi l-kumpanija giet effettivament kancellata.*

*Illi dwar l-istess kumpanija hemm pendenti kawza kostituzzjonali li fil-fatt qieghda fl-istadju li ghaddiet l-Prim Awla tal-Qorti Civili u tinsab fi stadju t`Appell u f`dik l-istanza l-intimati issollevaw li l-kumpanija kienet defunta u konsegwentement il-kawza ma tistax titkompla.*

*Illi fejn jidhlu drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandu jkun hemm l-akbar protezzjoni possibbli u din mill-Istat.*

*Illi l-esponenti ghalhekk ghandu nteress li l-kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ghall-iskop ukoll li l-kawza relattiva titkompla.*

*Illi ghandu jinghad illi meta ntbaghtu l-avvizi, ntbaghtu f`dar fejn huwa ma kienx ghadu joqghodu meta ntbaghtu wkoll fil-fabbrika fejn kienet il-kumpanija ma setghux isibu lilu ghax kien gie forzatament zgumbrat mill-Malta Industrial Parks li qajmu wkoll din l-eccezzjoni.*

*Illi f`dawn ic-cirkostanzi ghalhekk lanqas jista` jinghad li giet osservata l-ligi kompletament ghaliex ir-registrazzjoni saret min-naha tar-Registratur motu proprio u mhux ghaliex mitluba minn xi hadd.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha in esekuzzjoni tal-Artiklu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta tordna lir-Registratur ghar-ragunijiet premessi li jerga` iqieghed il-kumpanija fuq ir-registru u dan b`effett immedjat.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fid-19 ta` Novembru 2018 u li taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress ill l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi mir-registrazzjoni tal-compliance sabiex il-kumpannija de qua tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija Medcast Foundry Ltd (C4768) naqset mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi kontijiet annwali qatt ma ntbaghtu filwaqt li l-ahhar Prospett Annwali li gie sottomess igib d-data tas-sena 2002.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet jissopponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kenitx qed topera jew tmexxi negozju, u ghalhekk seta` japplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi r-Registratur taL-Kumpanniji jista` jibda` jipprocedi bid-defunct procedure f` diskrezzjoni tieghu skont il-ligi minghajr ma jigi mitlub biex jaghmel dan. Talli procedura hija ntenzjonata sabiex jigu kancellati socjetajiet, bhal din in kwistjoni, illi tkun qieghda fuq ir-registru izda tkun ilha ma tonera l-obbligi legali taghha ghal-zmien twil. Dan dejjem wara li tinbaghat il-korrespondenza u wara li ssiru l-pubblikazzjonjet relevanti illi r-Registratur tal-Kumpaniji huwa marbut li jaghmel skont l-Att.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur tas-Socjetajiet kiteb lill-kumpannija ai termini tal-imsemmi artikolu 325 biex javza li l-isem taghha kien ser jithassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintwerix raguni valida biex dan ma jsehhx. Ta` minn jinnota illi l-indirizzi fejn tintbaghat il-korrispondenza huma dawk li jinghataw mill-kumpannija u mill-ufficjali taghha stess.*

*Illi, ai termini tal-artikolu 325(2), ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta`avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog ta` kuljum. Madanakollu fit-terminu ta` tliet xhur previst mil-*

*ligi, la l-kumpannija u lanqas xi terzi persuni ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom xi interess illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-registru. Ghalhekk ir-Registratur tas-Socjetajiet mexa sabiex ihassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-registru.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti r-rikorrenti kellha bizzejjed zmien kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviz suespost, biex tinfurma lir-Registratur tas-Socjetajiet dwar xi nteress li seta` kellha sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru, izda dan baqa' nadempjenti.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qieghda tibbaza t-talba taghha biex l-isem tal-kumpanija jerga` jitqieghed fuq ir-registru bhala azzjonist ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista` jinghata biss jekk il-qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, ir-responsabbilta`tal-kumpannija u ta`kull ufficjal u membru taghha ghandha tkompli u tista` tigi inforzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt thassar minn fuq ir-registru.*

*Illi qabel ma giet mhassra l-kumpanija in kwistjoni ma kellhiex diretturi, is-Sur Maurice Vassallo Eminyan barra minn azzjonist, kien ghadu r-rapprezentant tal-kumpannija filwaqt li Victoria Vassallo Eminjan kienet ghadha segretarja tal-istess kumpanija.*

*Illi ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi l-isem tal-kumpanija Medcast Foundry Ltd. ghandu jerga` jitqieghed fuq ir-Registru, l-ewwelnett ghandha tigi regolata l-pozizzjoni tal-kumpannija billi jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali, l-prospetti annwali u li jithallas dak kollu li huwa dovut lir-Registratur tal-Kumpaniji skont il-ligi.*

*Dan salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta`dan il-kaz. Minghajr pregudizzju, f`kaz li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpanija jerga` jitpogga fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandu jigi ndikat l-iskop, il-kondizzjonijiet u t-termini mehtiega.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Verbali tal-udjenzi</u>

Il-Qorti sejra tirreferi ghall-verbali ta` dawk mill-udjenzi tal-kawza li fil-fehma taghha ghandhom rilevanza ghall-fini tad-decizjoni tal-lum :-

- **<u>L-udjenza tal-25 ta` Frar 2019</u>**

Inghad hekk :-

*Meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent Maurice Vassallo Eminyan assistit minn Dr Joe Brincat.*

*Dehret Dr Claudette Fenech ghall-intimat Registratur tal-Kumpaniji.*

*Dehru Dr John Bonello u Dr Marycien Vassallo ghall-intervenuta fil-kawza Malta Industrial Parks Limited.*

***Dr Brincat jiddikjara illi hemm disponibbilta' shiha min-naha tar-rikorrent illi, bhala azzjonista ta' Medcast Foundry Limited, jaghmel l-almu tieghu kollu sabiex is-socjeta', li llum tirrizulta li hija mhassra mir-Registru, tkun tista' tigi in regola.*** (enfasi tal-qorti).

*Dr Bonello jirriserva l-pozizzjoni tieghu.*

*Il-Qorti thalli l-kawza sabiex ir-rikorrent jilhaq jirregola ruhu mar-Registru tal-Kumpaniji ghal nhar it-Tnejn 20 ta` Mejju 2019 fid-09.00am u tissejjah l-ewwel wahda fuq il-lista.*

- **L-udjenza tal-20 ta` Mejju 2019**

*Inter alia* nghad hekk :-

…

***Dr Fenech infurmat lill-Qorti illi pendenti favur ir-Registratur tal-Kumpaniji hemm multi fl-ammont ta' €7,629.***

***Il-Qorti qeghda tissollecita lir-rikorrent sabiex mill-aktar fis jissalda din il-pendenza sabiex il-Qorti tkun tista' taghti konsiderazzjoni lit-talba tieghu.***

***Dr Fenech infurmat lill-Qorti wkoll li hemm pendenti annual returns u financial statements x'jidhlu sabiex is-sitwazzjoni tkun regolarizzata.***

***Ir-rikorrent jitlob zmien sabiex jirregola ruhu.***

***Il-Qorti qeghda taghtih sal-udjenza li jmiss tal-kawza sabiex jehles il-pendenzi kollha.*** (enfasi ta`l-qorti)

- **L-udjenza tal-15 ta` Lulju 2019**

*Inter alia* nghad hekk :-

…

***Il-Qorti giet infurmata illi sal-lum dak li kellu jigi regolarizzat baqa' ma sarx.***

***Il-Qorti qed taghti l-ahhar opportunita' lir-rikorrent sabiex jirregola l-affarijiet. Fin-nuqqas tiehu provvediment.*** (enfasi tal-qorti)

*Il-Qorti thalli l-kawza ghal informazzjoni ulterjuri ghal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019 fil-11.30 am.*

- **<u>L-udjenza tat-18 ta` Novembru 2019</u>**

Fost hwejjeg ohra, inghad hekk :-

***... il-Qorti qed taghti l-ahhar opportunita' lir-rikorrenti sabiex mhux aktar tard mit-28 ta' Frar, 2020 ikun hallas il-multa ta' EUR 7629.37 kif ukoll li jkun pprezenta l-annual returns kollha pendenti. Jekk ikun il-kaz taghti terminu iehor ghal prezentata tal-financial statements.*** (enfasi tal-qorti)

*Kollox jiddependi jekk ir-rikorrent huwiex ser jirregola skont il-paragrafu precedenti.*

*Thalli l-kawza ghas-seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu, 2020 fid-9.00 a.m. ghal kontinwazzjoni.*

- **<u>L-udjenza tat-12 ta` Marzu 2020</u>**

*Inter alia* inghad hekk :-

***Ir-rikorrent talab lill-Qorti illi taghtih l-opportunita' li jhallas il-pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-ammont ta' cirka EUR 7,600 permezz ta' tliet pagamenti, bl-ewwel pagament ta' EUR 2,533.33 sal-31 ta' Marzu 2020, it-tieni pagament ta' EUR 2,533.33 sal-31 ta' Mejju 2020, u t-tielet pagament ta' EUR2,533.33 sal-31 ta' Lulju 2020. Fl-istess perjodu l-Qorti tippretendi mir-rikorrent illi jipprezenta l-annual returns u l-financial statements li huma mankanti.*** (enfasi tal-qorti)

*Il-Qorti thalli l-kawza ghal kontinwazzjoni ghal nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020 fid-09.00am.*

- **<u>L-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2020</u>**

Fost hwejjeg ohra, kien verbalizzat hekk :-

***B'referenza ghall-udjenza tat-12 ta' Marzu 2020, Dr Claudette Fenech tiddikjara illi minkejja d-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrent f'dik l-udjenza, huwa naqas bis-shih mhux biss mal-obbligi tal-hlas indikati fil-verbal tal-udjenza, izda lanqas ma pprezenta l-annual returns u l-financial statements kollha pendenti.***

***F'dan l-istadju dahal fl-awla Dr Joe Brincat li ddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju tar-rikorrent, stante illi r-rikorrent baqa' inadempjenti mal-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Marzu 2020.***

***Dr Bonello jitlob illi l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.*** (enfasi tal-qorti)

*Il-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza ghal nhar it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2020 fid-09.00am.*

## III. <u>L-Art. 325 tal-Kap. 386</u>

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija de qua abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Ir-rikorrent qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). <u>Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum</u>. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista’ jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista’ jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta*

*jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni*

*taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-Art. 325 tal-Kap. 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji, l-aktar f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija waqfet ghal kollox min-negozju taghha.

Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu (kif kien il-kaz odjern) fejn, nonostante **<u>l-obbligi precizi u stretti</u>** li jistabilixxi l-Att dwar il-Kumpanniji, kumpannija tramite d-diretturi taghha ma tipprezentax *annual returns* u *financial statements.*

**L-inadempjenzi ta` kumpannija f`dan il-kuntest iwassal gustament ghall-imposizzjoni ta` penali u/jew multi li tesigi l-ligi stess. L-istrettezza tal-ligi tohrog mill-bzonn li fil-qasam tas-socjetajiet kummercjali jkun hemm trasparenza fit-tmexxija tal-affarijiet, governanza tajba u korretta tal-finanzi, u fuq kollox *bona fides* li hija s-sostrat tal-kummerc. Anke ghalhekk il-ligi hija esigenti ferm.**

Dan premess, jidher evidenti li d-diretturi u/jew azzjonisti tal-kumpannija de qua, ghar-ragunijiet li jafu huma biss, hallew l-affarijiet

tal-kumpannija ghaddejjin *alla deriva.* Hallew il-kumpannija ssir *qasba tixxejjer mar-rih.* Ghal snin shah il-kumpannija Medcast Foundry Ltd. baqghet inadempjenti fl-obbligi statutorji taghha bil-konsegwenza li r-Registratur tal-Kumpanniji, bir-ragun, inizja l-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji.

Minkejja li fir-rikors promotur, ir-rikorrent baqa` sieket dwar ir-ragunijiet li wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji li jibda l-procedura tat-thassir tal-isem, fl-istess waqt bhal donnu kkontesta l-procedura segwita mill-istess Registratur.

**Min-naha taghha, il-qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Huwa bil-wisq evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru kien dovut unikament ghan-nuqqas tal-kumpannija de qua tramite l-ufficjali taghha.**

Il-filosofija ta` nonkuranza prevalenti fil-membri tal-kumpannija kompliet tigi kkonfermata fil-kors ta` din il-kawza billi kif jidher car mill-verbali tal-udjenzi surriferiti r-rikorrent kiser kull impenn li ghamel mal-qorti.

**Kif tista` din il-qorti qatt taghti affidament li l-kumpannija de qua, li kieku kellu isimha jigi ripristinat fir-Registru, sejra toqghod ma` obbligi li mhux kisret meta kienet ghadha fir-Registru izda bla misthija ta` xejn baqghu jinkisru mir-rikorrent fil-kors ta` dan il-procediment odjern ?**

Mill-premessi tar-rikors promotur tohrog cara l-motivazzjoni tar-rikorrent ghaliex ipprezenta r-rikors odjern. Certament ir-raguni ma kenitx li ried li l-kumpannija de qua tibqa` taghmel in-negozju. Izda kien li jittenta jsalva kawza kostituzzjonali fejn il-kumpannija de qua kienet parti.

**L-imgieba tar-rikorrent fl-essenza taghha tmur kontra l-ispirtu tar-rimedju li joffri l-Art. 325 tal-Kap. 386.**

Il-qorti mhijiex sodisfatta li fil-kors ta` dan il-procediment ir-rikorrent gabu ruhu b`mod jew wera disponibilita` retta u tajba sabiex

igib il-qaghda tal-kumpannija *in order* u in linea mal-obbligi statutorji taghha.

**Il-Qorti mhijiex sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-Registru.**

**Mhijiex hekk sodisfatta anke ghaliex il-pozizzjoni tal-kumpannija baqghet ma gietx regolarizzata.**

**Baqghu ma kinux prezentati d-dokumenti statutorji kollha li ma kinux prezentati ghal firxa twila ta` snin wara li minn socjeta` kostitwita skont il-Kap. 168 saret il-*compliance sabiex Mecast Foundry Ltd* tkun regolata mill-Kap. 386.**

**Lanqas ma kien saldat favur l-intimat il-hlas ta` kull dritt jew penali dovut.**

**Kull rikorrent fi procediment ta` din ix-xorta ghandu jifhem li dan mhuwiex xi xorta ta` *rubber stamping exercise.***

**L-isem ta` kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jekk tkun timmerita, jekk tirrizulta r-rieda tal-ufficjali u/jew tal-membri taghha li l-kumpannija tkun sejra lura lejn il-legalita`.**

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ibati l-ispejjez tieghu.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tal-intimat.**

**Tordna lill-intervenuta fil-kawza sabiex thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**